MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 1/2001/1

**William Cassar Torreggiani**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq minn William Cassar Torreggiani fis-7 ta' Marzu, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Nru. 10/01) mogħtija fid-19 ta' Jannar, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li permezz tagħha ċaħad it-talba tal-istess rikorrent biex jordna lid-

Direttur tas-Sigurta’ Soċjali jibdel ir-rata ta’ pensjoni ta’ irtirar dovuta lilu għal waħda ogħla;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali appellat fit-22 ta’ Marzu, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat appellat fit-22 ta’ Marzu, 2001[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk:

“Dan l-appell jaqra hekk:-

*“Nota ta’ William Cassar Torreggiani (Pens. No. 16/100005)*

*Li biha jappella mid-decizjoni tad-Direttur li hadimlu pensjoni b’rata mnaqqsa hafna u ma tah ebda spjegazzjoni ghal tali tnaqqis.*

*Jitlob li d-Direttur jipprezenta kopja kif hadem dik il-pensjoni u fuq liema bazi hadem id-dhul pensjonabbli.”*

Risposta tad-Direttur:-

*“(a) Peress li l-ghotja b’effett mis-7 ta Awissu 1999 tal-pensjoni lill-appellant hi inizzjali ma jistax jinghad li sar xi tnaqqis fir-rata peress li din ma kenitx tezisti qabel dik id-data.*

[1] Paġġ. 7 sa 22 tal-proċess

*(b) Qed tigi annessa kopja (Dok. A) tad-dokument mahrug mill-Ufficcju tat-Taxxi Interni li juri d-dhul mill-impieg iddikkjarat mill-appellant matul l-ahhar ghaxar snin qabel ma lahaq l-eta` ta' irtir u kif dan gie stmat mill-istess Ufficcju.*

*(c) Qed tigi annessa kopja (Dok. B) tal-'Working-sheet for a Two-Thirds Pension' li turi kif id-Dipartiment wasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar ir-rata ta' hlas ta' l-istess pensjoni dovutal lill-appellant."*

Minn ezami tad-dokumenti ezebiti jirrizulta illi d-dhul ta l-appellant matul l-ahhar ghaxar snin qabel irtira u cioe` bejn is-sena 1989 u s-sena 1998 kien komplessivament ta' Lm54,441 u ghalhekk id-dhul pensjonabbli tieghu huwa ta' Lm5,444.10. Ir-rata ta' pensjoni giet effettwata peress li fis-snin 1992 u 1993 id-dhul ta' l-appellant kien relattivament baxx bil-konsegwenza li l-medja tad-dhul giet effettwata. Pero` jirrizulta li d-Direttur ikkalkula r-rata ta' pensjoni pagabbli lill-appellant skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell."

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għaliex qiegħed jgħid li, għalkemm għal sentenjn partikolari (jiġifieri fl-1992 u fl-1993) mill-aħħar għaxar snin qabel irtira mix-xogħol kien iddikjara dħul baxx, huwa kien ħallas l-ogħla rata ta' kontribuzzjoni ta' sigurta' soċjali għall-imsemmija sentejn. Madankollu, meta d-Direttur ħadem ir-rata ta' pensjoni li għaliha l-appellant kien intitolat, dan għadd id-dħul dikjarat tal-appellant tal-aħħar għaxar snin u qata' l-medja. L-appellant jgħid li, minħabba f'hekk, ir-rata ta' pensjoni li qiegħed jirċievi hija anqas minn dik li kien jirċievi kieku l-appellat kien qies id-dħul ta' dawk is-sentejn fuq ir-rati ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali attwalment imħallsin;

Illi għal dan l-aggravju, d-Direttur jgħid li huwa ħadem ir-rata ta' pensjoni dovuta lill-appellant skond il-kriterji mfasslin fil-liġi u li l-appell ma jqanqal l-ebda prinċipju ta' siwi jew punt ta' dritt;

Illi, minbarra dan, meta ressaq il-każ tiegħu quddiem l-Arbitru, żied jgħid li ma huwa minnu xejn li lill-appellant tnaqqsitlu r-rata tal-pensjoni, minħabba li r-rata li l-appellant kien qiegħed jikkontesta hija l-ewwel rata li qatt inħarġet fir-rigward tiegħu u ma tistax titkellem dwar tnaqqis ta' xiħaġa li ma kinitx teżisti qabel;

Illi mill-atti proċesswali jirriżultaw dawn il-fatti ewlenin. B'ittra miktuba f'isem l-appellant fit-13 ta' Lulju, 2000, tressaq appell quddiem l-Arbitru dwar il-mod kif inħadmet ir-rata ta' pensjoni tal-appellant u li ma kienet ingħatatlu l-ebda tifsira "għal tali tnaqqis". L-appellant irtira mix-xogħol fis-7 t'Awissu, 1999, erbat ijiem wara li għalaq il-wieħed u sittin (61) sena. Għalkemm għamel għadd ta' snin impjegat, jidher li, b'effett mill-1987, kien iħallas kontribuzzjonijiet ta' persuna li tħaddem lilha nnifisha. L-ammont ta' pensjoni tal-irtirar li d-Dipartiment ikkonkluda li jħallsu nħadem fi Frar tal-2000 u, b'effett mill-1 ta' Jannar, 2000, l-appellant kellu jitħallas Lm 70.46 fil-ġimgħa. Id-Direttur ta t-tweġiba tiegħu għall-appell tar-rikorrent fil-31 t'Awissu, 2000, ma' liema tweġiba ressaq id-dokumentazzjoni meħtieġa biex juri kif wasal għall-kalkolu tar-rata. Inżammet seduta quddiem l-Arbitru fid-9 t'Ottubru, 2000, fejn, wara li l-appellant ressaq xi dokumenti dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali mwettqin minnu, ġie trattat il-każ u ngħatat id-deċiżjoni appellata fid-19 ta' Jannar, 2001;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma marbutin mat-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu mid-Direttur biex iqis ir-rata ta' pensjoni dovuta. Ma jidhirx li bejn il-partijiet hemm kontestazzjoni dwar il-fatti kif seħħew. Dwar l-oġġezzjoni tal-appellat (magħmula quddiem l-Arbitru) fis-sens li l-appellant ma jistax jilmenta minn tnaqqis fir-rata ta' pensjoni dovuta lilu għaliex ma kien qatt ingħata rata ogħla ta' pensjoni qabel din li minnha ressaq appell, din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ma tiħux gost b'argumenti li ma jissarrfu xejn iżjed minn tfettiq ta' kliem: huwa ċar – u dan joħroġ mill-att promotur innifsu – li dak li l-appellant qiegħed joġġezzjona għalih huwa l-ammont ta' rata ta'

pensjoni li d-Dipartiment qies li jistħoqqlu jirċievi, liema ammont l-appellant jgħid li huwa inqas minn dak li kellu jingħata. Huwa f'dan is-sens li l-appellant jitkellem dwar "tnaqqis", u huwa hekk li din il-Qorti qegħda tifhem l-ilment tiegħu. Għalhekk, minn dan l-aspett, l-oġġezzjoni ma tidhirx mistħoqqa;

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-appell ma jqanqal l-ebda prinċipju ta' importanza jew punt ta' dritt, din il-Qorti ma taqbel xejn. Apparti l-kwestjoni jekk huwiex meħtieġ li appell minn deċiżjoni tal-Arbitru jrid ikun imsejjes fuq punt ta' dritt jew ikunx iqanqal prinċipju ta' importanza[2], jidher li l-kwestjoni fil-qofol tagħha tagħti lok għal tifsira tal-liġi marbuta, fil-prattika, mal-applikazzjoni tagħha kemm fil-każ tal-appellant u kif ukoll ta' persuni oħrajn li jistgħu 'l quddiem isibu rwieħhom fl-istess qagħda. Din il-Qorti ma jidhrilhiex lanqas li dan huwa każ sempliċi ta' varjazzjonijiet ta' kalkoli matematiċi, li ma jagħtux lok għal appell[3]. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni ma tistax tintlaqa';

Illi wara li saru dawn il-kjarifiki, jidher xieraq li jingħad li biex dispożizzjonijiet ta' liġi jitfissru kif għandu jkun, trid issir l-ewwelnett u qabel kull ħaġa oħra, riferenza għat-tifsiriet li l-liġi nnifisha tagħti għal xi termini msemmijin fiha. Tali tifsiriet jinsabu prattikament f'kull liġi (kemm fi klawsoli interpretattivi u kif ukoll f'artikoli speċifiċi) u jkunu jorbtu għall-finijiet ta' tali liġi, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ li tingħata tifsira differenti;

Illi l-Qorti ħasset li għandha tagħmel din l-osservazzjoni għaliex jidher li n-nuqqas ta' qbil bejn l-appellant u d-Direttur intimat tnissel sewwasew minn dak li għandu jkun l-element rilevanti li għandu jitqies meta wieħed jiġi biex jaħdem ir-rata ta' pensjoni dovuta. Il-liġi tagħmilha ċara li l-għamliet kollha ta' pensjonijiet għal min jirtira msemmijin fit-Taqsima V tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta jintrabtu mal-kriterju tad-dħul pensjonabbli ta' l-persuni eliġibbli għalihom. Dan jgħodd ukoll fejn il-pensjoni tkun imsejsa fuq kontribuzzjonijiet akkreditati skond l-artikolu 16 tal-Att[4].

---

[2] Ara art. 109 tal-Kap 318 u App. Inf. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***

[3] Ara App. **9.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1459**)

[4] Art. 60 tal-Kap 318

"Dħul pensjonabbli" huwa mfisser bħala "l-paga jew salarju bażiċi, jew dħul nett, jew qliegħ, maħduma skond it-Tlettax-il Skeda"[5];

Illi jidher li l-kwestjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali titqies biss bħala wieħed mill-elementi kwalifikativi biex persuna tista' titlob ħlas ta' pensjoni tal-irtirar[6]. Dan qiegħed jingħad fis-sens li l-liġi trid li l-persuna eliġibbli tkun għamlet medja ta' kontribuzzjonijiet li taqbeż ċertu għadd matul l-aħħar għaxar snin qabel ma ssir it-talba għall-ħlas tal-pensjoni. Ma jidhirx li l-ammont imħallas taħt tali kontribuzzjonijiet huwa, minnu nnifsu, kriterju ta' kemm sejra tkun ir-rata ta' pensjoni, għaliex huwa meqjus li l-kontribuzzjonijiet huma dejjem imqabblin mal-ammont ta' dħul pensjonabbli. Kemm hu hekk, il-liġi ma ħallietx li persuna li tħaddem lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha tibqa' tagħżel, b'effett mill-4 ta' Jannar, 1988, 'il quddiem, li tħallas rata ta' kontribuzzjonijiet ogħla minn dik li tapplika għaliha skond id-dħul nett tagħha[7];

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li l-kriterju normalment rilevanti li fuqu jrid joqgħod id-Dipartiment meta jiġi biex iqis id-dħul pensjonabbli ta' persuna li titlob li tibda titħallas pensjoni tal-irtirar (għajr f'dawk il-każijiet fejn il-persuna tkun diġa' qegħda tirċievi pensjoni ta' invalidita'[8]) huwa d-dħul dikjarat tagħha matul dawk l-aħħar għaxar snin, esklużi żidiet f'tali dħul li ma jkunux meqjusin mid-Direttur bħala żidiet *bona fide*[9];

Illi billi t-tifsira ta' "dħul pensjonabbli" tagħmel riferenza għall-Iskeda Tlettax, din il-Qorti jkollha tifli sewwa dak li hemm imsemmi f'dik l-Iskeda. B'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda persuna li tħaddem lilha nfisha (bħalma kien l-appellant għal tul l-aħħar tnax-il sena tal-ħajja lavorattiva tiegħu), huwa stabilit li tali dħul pensjonabbli jitqies bħala **l-medja** fis-sena tad-**dħul nett** ta' persuna li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħħar għaxar snin. Jiġifieri, kif taraha l-Qorti, il-kriterju tal-

[5] Art. 2(1) tal-Kap 318
[6] Ara l-Ħdax-il Skeda tal-Att ( "*Kundizzjonijiet ta' Kontribuzzjoni"),* par 2.
[7] Ara art. 10(3) tal-Kap 318 kif applikabbli skond l-Għaxar Skeda (Taqsima II u III)
[8] Art. 61 tal-Kap 318
[9] Art. 58 tal-Kap 318

kontribuzzjonijiet xierqa f'sena partikolari huwa rilevanti biss biex jagħmel id-dħul ta' dik is-sena "eliġibbli" biex jintgħadd għall-finijiet tal-medja ta' dħul fl-aħħar għaxar snin;

Illi, madankollu, għal dan il-prinċipju ġenerali l-Qorti tinnota kwalifika partikolari u kruċjali għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha. Kemm hu hekk, huwa stabilit[10] li:

"*meta matul l-imsemmija l-aħħar għaxar snin kalendarji* ***tkun tħallset kontribuzzjoni fuq dħul nett li kien ogħla minn dak li fil-fatt tkun irċeviet****, id-dħul nett meħud sabiex jinħadem dan il-kalkolu dwar xi sena waħda kalendarja partikolari* ***jkun l-aktar wieħed għoli minn dan id-dħul nett kollu***" (kliem enfasiżżat mill-Qorti);

Illi din l-aħħar kwalifika tidher li hija eċċezzjoni għall-kriterju ġenerali dwar kif jiġi meqjus id-dħul pensjonabbli, għaliex tagħti 'l wieħed x'jifhem li **l-ammont tal-kontribuzzjoni mħallas isir kriterju rilevanti fih innifsu**, jekk kemm-il darba d-dħul nett ta' sena jew snin partikolari matul l-aħħar għaxar snin kien anqas mid-dħul korrispondenti mal-kontribuzzjoni mwettqa għal tali snin, skond kif imfissrin fl-Għaxar Skeda tal-Att. Huwa minnu wkoll li dan kollu jibqa' suġġett għas-"saqaf" ta' dħul pensjonabbli li jista' jiġi determinat mill-Ministru minn żmien għal żmien[11]. Fil-każ partikolari, fiż-żmien li l-appellant irtira mix-xogħol, l-ogħla ċifra stabilita bħala dħul pensjonabbli għal xi sena partikolari mill-aħħar għaxar snin tal-ħidma tal-appellant kienet ta' sitt elef seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 6750)[12], kif jidher mill-prospett li jindika kif id-Dipartiment wasal għar-rata determinata ta' pensjoni li għaliha huwa eliġibbli l-appellant. Kemm hu hekk, f'ħamsa mill-aħħar għaxar snin ta' dħul qabel l-appellant irtira, id-Dipartiment irrikorra għal dan l-ogħla limitu. Daqstant ieħor huwa minnu wkoll li l-kriterji applikabbli għat-tħaddim ta' rata ta' pensjoni mistħoqqa

[10] Tlettax-il Skeda tal-Att, Par. 2
[11] Tlettax-il Skeda tal-Att, Par. 4
[12] A.L. 17 tal-1987

huma dawk li kienu jinsabu fil-liġi fiż-żmien li l-applikant ikun irtira jew ressaq it-talba[13];

Illi, madankollu, xejn ma jnaqqas mill-fatt li din il-kwalifika ta' kif għandu jitqies id-dħul pensjonabbli meta l-ammont ta' kontribuzzjoni mħallsa jkun ta' "faxxa" li tisboq id-dħul nett li attwalment dik il-persuna taqla' f'sena partikolari hija eċċezzjoni rilevanti għall-każ preżenti u l-Qorti jidhrilha li dan huwa każ fejn il-liġi *voluit et dixit*;

Illi, fil-każ partikolari, diġa' ngħad li ma jidhirx li hemm kwestjoni dwar il-fatt li, għas-snin 1992 u 1993, l-appellant ħallas kontribuzzjonijiet dwar faxxa ta' dħul li, f'kull waħda minn dawk is-sentejn, taqbeż il-parametri tad-dħul minnu dikjarat. Dan jidher li huwa saħansitra magħruf u aċċettat mid-Dipartiment[14]. Madankollu, minkejja li wieħed raġonevolment jistenna li dan il-fatt kien magħruf minn min ipproċessa l-applikazzjoni tal-appellant, xorta waħda ttieħed qies biss tad-dħul dikjarat għal dawk is-sentejn;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan imur kontra dak li hemm stabilit espressament fit-Tlettax-il Skeda. Huwa minħabba f'hekk li din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru fid-deċiżjoni impunjata meta qal "jirriżulta li d-Direttur ikkalkula r-rata ta' pensjoni pagabbli lill-appellant skond il-liġi";

Illi minbarra dan, il-Qorti temmen li għandhom isiru dawn l-osservazzjonijiet: ma jistax jingħad li din it-tifsira tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(3) tal-Att, għaliex il-liġi ma kinitx tippermetti (wara l-4 ta' Jannar, 1988) li persuna **tagħżel** li tħallas rata ogħla ta' kontribuzzjonijiet minn dik li kieku kienet mod ieħor titħallas. Fil-każ partikolari, ma kinitx għażla tal-appellant li jħallas kontribuzzjoni ogħla, imma kien każ fejn qala' dħul anqas minn dak li kien jistenna. Lanqas ma' jidher li dan id-dħul dikjarat (relattivament baxx meta mqabbel mas-snin immedjatament qabilhom u wrajhom) ma kien xi għamil *mala fide*, u dan għaliex ma kienx jagħmel sens għall-

---

[13] Ara App. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.433**)
[14] Ara Dok "WCT", f'paġġ.16-7 tal-proċess

appellant li jiddikjara dħul baxx meta kien jaf li dawk is-sentejn kienu kruċjali bħala tnejn mill-aħħar għaxar snin tal-ħajja lavorattiva tiegħu, u meta fis-snin ta' qabel u ta' wara d-dħul dikjarat tiegħu reġa' għola;

Illi, minbarra dan, f'qasam daqstant sensittiv daqskemm soċjalment essenzjali bħalma huwa l-istitut tal-pensjonijiet, il-prinċipju tal-komputazzjoni tal-pensjoni għandu jkun ta' interpretazzjoni favur il-kontribwent biex jassigura li dan jingħata l-benefiċċju sħiħ li jirrifletti l-kontribuzzjonijiet minnu magħmula matul is-snin fil-parametri ta' tifsira ġusta tad-dispożizzjonijiet tal-liġi[15];

Illi dan in-nuqqas ta' ħarsien tad-dispożizzjoni speċifika tal-liġi wassal biex l-appellant ingħata medja ta' dħul ta' Lm 5444.10 f'kull sena mill-aħħar għaxar snin, minflok medja ta' Lm 6265.20 kieku f'dawk is-sentejn (1992 u 1993) tqieslu l-ogħla dħul skond ir-rata ta' kontribuzzjoni li tħallas. Dan kien iġib li r-rata mistennija ta' pensjoni tal-appellant kull ġimgħa tkun ta' tmenin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm 80.32), jiġifieri differenza ta' għaxar liri Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmi (Lm 10.52) aktar minn dak li ngħata;

Għalhekk, jidher li l-aggravju tal-appellant għandu mis-sewwa u jistħoqqlu jintlaqa'. Fl-istess waqt, it-tielet eċċezzjoni tal-appellat ma tirriżultax ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** ta' r-rikorrent mid-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Jannar, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt l-Att X tal-1987, fejn ċaħad l-appell tal-istess rikorrent biex jirrevedi r-rata ta' pensjoni tal-irtirar li għaliha għandu jedd, u għalhekk tħassar l-istess deċiżjoni;

**Tordna** lid-Direttur appellat biex iħallas lill-appellant rata ta' pensjoni riveduta skond il-liġi applikabbli fir-rigward tiegħu u li jħallas lill-appellant dik id-differenza li tirriżulta

[15] Ara App. **29.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Farruġia vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***

b'effett minn meta l-appellant kien eliġibbli għall-pensjoni; u

**Tikkundanna** lid-Direttur appellat iħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------